MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 2172/1996/1

**Fibermar Co. Limited**

**vs**

**John Gauci**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi l-konvenut jinsab debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf u tmienja u sittin lira Maltin (Lm1068) ammont dovut rapprezentanti l-prezz ta' sitt kenuri u zewg *water buggies* mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut mill-istess socjeta' attrici;

Illi l-konvenut qatt ma kkontesta d-debitu dovut minnhu lis-socjeta' attrici tant illi offra l-hlas tal-istess permezz ta' zewg cekkijiet, f'somma kumplessiva ekwivalenti ghad-

debitu dovut lis-socjeta attrici, liema cekkijiet izda baqghu ma ssarrfux mill-Bank kif jirrizulta mill-fototkopja tal-istess cekkijiet, hawn annessa bhala Dokument 'B';

Illi nonostante interpellat diversi drabi sabiex ihallas dan l-ammont l-konvenut baqa' inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Illi kif jirrizulta, mill-Affidavit hawn anness bhala Dokument 'A', jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi, a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) billi l-kreditur tal-attur nomine huwa cert, likwidu u dovut;

Illi l-konvenut ma ghandu ebda raguni jew eccezzjoni valida kontra t-talba tal-attur nomine ghall-hlas tas-somma dovuta;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi u b' dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, m'ghandiex din il-Qorti :-

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u tmienja u sittin lira Maltin (Lm1068) ammont dovut rapprezentanti l-prezz ta' sitt kenuri u zewg *water buggies* mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut mill-istess socjeta' attrici;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid pprezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tal-konsenja tal-oggetti sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi l-esponent mhux il-legittimu kontradittur stante li m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici. Di fatti in-negozju sehh bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' J.J.M. Co. Limited, li taghha l-esponent huwa direttur;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija mibjugha u kkonsenjata kienet difettuza u ta' kwalita inferjuri;

3. Illi di fatti l-impjegati ta-socjeta' attrici kienu gew informati li l-merkanzija kienet difettuza u ghalkemm obbligaw ruhhom li kellhom jirrimedjawha huma baqghu inadempjenti, u ghalhekk l-azzjoni odjerna hija f'dan is-sens ukoll intempestiva;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Arpil 1997 li bih gie nominat bhala espert tekniku William Cassar Torreggiani;

Rat ir-rapport tal-imsemmi perit tekniku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tal-4 ta' Marzu 1999;

Rat l-tti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Jannar 2000;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li hi kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' elf u tmienja u sittin liri maltin (Lm1068) prezz ta' sitt kenuri u zewg *water buggies* mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut. Jirrizulta li in effett il-konvenut hallas l-imsemmi ammont permezz ta' zewg cekkijiet, li pero' baqghu ma ssarrfux. Ghalhekk permezz ta' dawn il-proceduri s-socjeta attrici qed titlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas l-imsemmi ammont;

Il-konvenut jeccepixxi fl-ewwel lok li hu mhux il-legittimu kontradittur billi n-negozju in kwestjoni ma sehhx mieghu personalment izda mas-socjeta’ J.J.M. Co. Limited. Fit-tieni lok il-konvenut jeccepixxi li l-merkanzija in kwestjoni hi difettuza u ta’ kwalita inferjuri u b'dan kienu gew infurmati impjegati ta-socjeta’ attrici li ma ghamlu xejn biex jirrimedjaw. Ghalhekk ukoll fit-tielet lok il-konvenut qed jeccepixxi li din l-azzjoni hi intempestiva;

Il-konvenut naqas li jipproduci provi in sostenn tal-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet li ghalhekk ma jirrizultawx pruvati u konsegwentement ma jistghux jigu akkolti. Ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni u cioe dwar id-difetti, li l-konvenut qed jallega li kellhom l-oggetti in kwestjoni, gie nominat espert tekniku, li ppresenta ir-rapport tieghu fil-kors ta' dawn il-proceduri. F'dan ir-rapport huwa kkonkluda, wara li esamina l-istess oggetti, li l-water buggies kienu difettuzi u dana kien dovut ghal manifattura tal-istess buggies. Dawn kienu jghamlu l-ilma minn partijiet specifici taghhom u ghalhekk kien jidhol go fihom kwantita' mhux hazin ta' ilma bahar. L-espert tekniku ghamel stima ta' k'hemm kienet tiswa r-riparazzjoni ta' dawn il-buggies. Huwa kkalkola li dawn ir-riparazzjonijiet kienu jammontaw ghal mija u ghoxrin liri maltin (Lm120). Ghar-rigward tal-canoes l-espert tekniku sab li kien fihom hsarat pero' dawn kienu dovuti ghall-uzu tal-istess bcejjec. Difatti jirrizulta li dawn l-istess bcejjec kienu jinkrew lill-klijenti tal-konvenut;

Fid-dawl ta' dan kollu il-konvenut ghandu jigi kundannat ihallas lis-socjeta attrici l-prezz tal-oggetti in kwestjoni cioe' l-ammont indikat fic-citazzjoni, imnaqqas b'kemm jiswew ir-riparazzjonijiet sabiex jigu rimedjati d-difetti fil-water bugies u cioe imnaqqas bis-somma ta' mija u ghoxrin liri maltin (Lm120);

Ghal dawn il-motivi :-

Tiddeciedi billi tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disa mija u tmienja u erbghin liri maltin (Lm948) rapprezentanti l-prezz ta’ sitt kenuri u zewg *water buggies* mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut mill-istess socjeta’ attrici, liema prezz hu mnaqqas b'kemm jiswa

biex jissewwew difetti fil-water buggies u dana bl-imghaxxijiet kolha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez hwantu ghal tlett kwarti (3/4) jithallsu mill-konvenut filwaqt li r-rimamnenti kwart (1/4) jithallsu mis-socjeta attrici.

Imhallef

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------